# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI NRU. 1117

KAZ NRU. 1295

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Romina Debono

u

Toly Products Ltd

dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta

Illum: 12 ta' Mejju 2000

**Chairman : Dr. Joseph P. Bonnici LL.D.**

## INTRODUZZJONI

Illi b'ittra datata 23 ta' Novembru, 1998, l-appellanti kitbet lill-Onor. Ministru ghall-Harsien Socjali sabiex tillamenta mit-tkeccija datata 1 ta' Settembru, 1998 mill-impjieg taghha minn mas-scojeta' intimata. L-Onor. Ministru rrefera din il-kwistjoni ghat-temm obbligatorju taghha

*tramite* ittra datata 11 ta' Dicembru, 1998, lil dan it-Tribunal.

**Dikjarazzjoni tal-kaz**

Illi l-appellanti stqarret illi giet impjegata f'Lulju, 1992, u promossa ghal *quality controller* fit-23 ta' Settembru, 1996. Fis-27 ta' Awissu, 1998, kienet *leave* ghal ragunijiet medici izda rrapurtat tard. Inoltre, kellha necessita' imminenti ta' *leave* taht kwalunkwe forma minhabba li missierha kien gie rikoverat l-isptar minhabba problemi kardijaci, u ommha ma kenitx f'kondizzjoni medika li tithalla wahedha d-dar. Anke wara li ntervjena l-gharus taghha, dan ma giex koncess, hadet decizjoni unilaterali u ma marritx ghax-xoghol. Spiccat biex irceviet l-avviz tat-terminazzjoni ta' l-impjieg.

Illi da parti taghha, s-socjeta' intimata rribadiet illi dak l-incident ma kienx il-mottiv uniku ghad-decizjoni tat-tkeccija, izda dana wara tliet *warnings* ghal rapurtar tardiv ghax-xoghol. Inoltre l-istess gharus taghha ma kellux jinvolvi ruhu b'dak il-mod aggressiv fil-konfront ta' ufficjali gholja tal-kumpanija.

**PROVI**

L-appellanti kkonfermat il-fatti kif minnha dikjarati. Irrizultalha li ma kenitx f'pozizzjoni medika tajba ghax-xoghol ftit tal-hin qabel. Ippruvat tikkomunika mal-post tax-xoghol, izda ma rrispondiha hadd. Meta ghamlet kuntatt,

kien tard wisq mill-hin li suppost tirraporta. Minimu kien ta' sitt (6) sieghat. Inoltre ma setghetx tikkomunika mat-tabib tax-xoghol billi ghal bil-lejl, dan ma johrogx. Inoltre kkonfermat ukoll illi kienet tidhol ghax-xoghol xi ftit tard b'mod regolari. Kienet prezenti ghall-azzjoni tal-gharus taghha li pero' ppruvat tiggustifikah billi kien biss maghha biex jipprova jghinha.

Gaetano Debono, missier l-appellanti, xehed dwar il-kondizzjoni kardijaka tieghu, u l-istat mediko-psikjatriku ta'martu, omm l-appellanti. Din ma setghetx tithalla wahedha. Dan gie konfermat anke mit-tabib Alex Portelli, li stqarr li kien jaqbadha paniku kbir. It-tabib Ian Gauci ikkonferma li kien ezamina lill-appellanti fis-27 ta' Awissu, 1998, irrilaxxja certifikat li kellha bzonn gimgha mistrieh minhabba ugiegh f'darha. James Gafa' - l-gharus tal-appellanti - xehed illi ma kienx aggressiv izda semplicement konvincenti minhabba in-necessita' urgenti li kienet inqalghet.

Illi s-socjeta intimata pproduciet lil Aris Cefai, *Human Resources Manager*. Huwa spjega l-procedura dwar *leave* u *warnings*, kif riflessi fil-*Collective Agreement*. Wara tliet *warnings*, tirrizulta tkeccija. Billi l-appellanti kienet hadet il-*leave* taghha kollu, *leave* bla hlas seta' jittiehed biss wara arrangjament mal-*management*. Is-superjur taghha qal li ma kienx possibbli minhabba ragunijiet ta' assenzi ohra u produzzjoni. Hija ghamlet ta' rasha u m'attenditx ghax-xoghol. Inoltre l-gharus taghha ma kienx membru tal-familja u ghalhekk ma setax jakkompanjaha. Tah bis-sieq. Wara konsultazzjoni mal-Union, ma kienx hemm oppozizzjoni ghat-tkeccija taghha. In kontro-ezami, huwa stqarr li l-

*warnings* kienu unikament minhabba li kienet tirraporta tard ghax-xoghol.

Raymond Demanuele - *production manager* - xehed illi huwa kien is-superjur immedjat taghha u *stava a lui* li jikkonstata jekk setghetx tinghata *special unpaid leave*. Ikkonsulta ruhu mal-*Human Resources Manager* u rrizulta li it-talba taghha ma setghetx tintlaqa'. Hekk kif dahlet l-appellanti akkumpanjata mill-gharus, u giet moghtija d-decizjoni taghhom, dana ipprova jaggredixxi lis-sur Cefai. Rita Baldacchino, s-supervisor, xehdet li ma kienet tiftakar xejn mill-kaz billi aktar u aktar l-istess appellanti lanqas biss kienet tinteressaha.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Illi l-enfasi *in difesa* tas-socjeta' intimata tinsab koncentrata fuq l-agir tal-appellanti u tal-gharus taghha. *Terz estraneu* totalment ghar-relazzjoni lavorattiva bejn il-partijiet m'ghandhux jintrometti ruhu. Ikun il-kaz, kif zviluppat il-kwistjoni, li aktar jiddanneggja milli jkun ta' ghajnuna; aktar u aktar meta hu mhux konsidrat membru tal-familja kif mitlub mill-*Collective Agreement* li jiggoverna r-relazzjonijiet bejn min ihaddem u min jahdem. Ghalkemm l-indhil tieghu kien wiehed komprensibbli, kien ukoll riprensibbli billi spicca biex aggrava s-sitwazzjoni prekarja tal-appellanti. Il-fatt li ma ttehdux passi kriminali kontra tieghu ghandu jagevola u mhux jgharraq il-pozizzjoni tal-principal. L-oppost facilment jikkreja

*pogrom* fejn mhux necessarju, *altru che salutevoli* ghal sitwazzjoni bhal dik in ezami.

Illi l-agir tal-appellanti huwa cirkondat minn decizjoni unilaterali mehuda fi sfond ta' cirkostanzi partikolari. Missierha gie rikoverat l-isptar bi problemi kardijaci, ommha ma tistax toqghod wahedha minhabba kondizzjoni depressiva. Il-*leave* taghha kien spiccalha, kienet qed tirritorna minn gimgha *sick leave*. Ghal grazzja tal-argument u fl-aghar ipotezi, sitwazzjoni simili tista' tinholoq jekk jigi Alla hares qatt, jigi nieqes missierha, jew tizzewweg u ma tibqax tirresjedi mal-genituri jew titlaq mid-dar taghhom? Titlaq mix-xoghol jew tirreagixxi bil-manjiera odjerna?

Illi minn ezami tal-*Collective Agreement*, ma jirrizultax li sitwazzjoni bhala din jista' jinghad li giet kontemplata. Sitwazzjoni simili kienet fid-diskrezzjoni assoluta tas-sidien tal-fabbrika li jokkontrollawha skond l-esigenzi tas-servizz. Il-haddiem ma kellux fakolta' li jalteraha - fic-cirkostanzi l-appellanti hadet decizjoni drastika li, ghalkemm kellha konjizzjoni tal-konsegwenzi tal-att taghha, xorta wahda ghazlet dik is-soluzzjoni ghal problemi li kienet qed tiffaccja f'dak il-mument. Il-principal ma halliex wisq zmien jiddekorri biex jesprimi r-reazzjoni tieghu. L-agir tal-appellanti ma jistax jigi definit bhala kommendabbli, anke f'dawk ic-cirkostanzi purament umani f'cirku familjari limitat. Post ta' xoghol ma jistax jithaddem skond il-kapricci tal-impjegat. *Del resto* kellu jinghata aktar importanti l-aspett uman - kienet talba frivola u vessatorja?

*Pacta sunt servanda.* Fil-kaz 'Airmalta Co. Ltd. u Cabin Crew', gie ritenut illi *Collective Agreement* huwa dokument kontrattwali esigibbli w applikabbli. Fil-kaz 'Raymond Balzan u Korporazzjoni Enemalta,' gie dikjarat illi l-procedura ta'dixxiplina stabbilita fi ftehim kollettiv ghandha tigi segwita bl-aktar mod reqq u doveruz. Fil-kaz odjern, huwa applikabbli dak li gie ffirmat fl-10 ta' Marzu, 1998, ghal tlett snin li bdew mit-23 ta' Frar, 1998. Rigward il-*leave*, japplika l-art. 9(D), fejn talba ghal leave tista' tigi rifjutata minhabba esigenzi ta' xoghol, izda qatt ghal xejn b'xejn. *Leave* bla hlas huwa applikabbli biss f'kaz ta' mewt jew attendenzi ghal konferenzi tal-haddiema - vide 9(G). Leave specjali, skond art. 10, jinghata biss f'kazijiet ta' luttu, servizz ta' gurat, zwieg, tqala, twelid ta' tarbija, adozzjoni u ghoti ta' demm. L-art. 19 japplika ghall-kaz ta' mard ta' haddiem. Sub. E - avviz sal-4.00p.m. f'kaz ta' *shift* ta' bil-lejl. Sub. K - certifikat poliklinika/sptar.

L-art 17 huwa relattiv ghal puntwalita'/tardjar. Sa hmistax il-minuta, tnaqqis fil-paga. F'kaz ripetut, jistghu jittiehdu passi dixxiplinari li jistghu jwasslu ghal tkeccija, skond Appendici B. Dan jistipula seba' kazijiet ta' tardjar biex iwassal ghal tkeccija awtomatika. L-appellanti kellha tlieta, pero' ta' ftit minuti. Il-procedura ta' dixxiplina hija regolamentata mill-art. 23. Din il-procedura tapplika biss pero' ghal dawk is-sitt kazijiet gravi. Mhux pero' bhal ma giet akkuzata l-appellanti fl-ittra tal-principal datata l-1 ta' Settembru, 1998. Da prti taghha, l-appellanti setghet facilment tassenti ruhha minn fuq il-post tax-xoghol billi, *ai termini* tal-Art.18,

impjegat ikun irid ifalli x-xoghol minghajr avviz minn qabel jew minghajr gustifikazzjoni, ghal sitt darbiet wara xulxin, jitqiesu daqs li kieku rrizenja. Huwa precizament f'dan l-istadju tal-ftehim kollettiv li dan it-Tribunal jissolleva li ma jistax jaqbel mal-interpetazzjoni tal-partijiet rispettivi. Huwa ovvju li t-test mhux wiehed felici - il-bord ta' dixxiplina mhux qieghed hemm ghal kazijiet stipulati fl-appendix b. L-art. 23 huwa mghobbi b'ferm aktar. Di fatti, il-passi dixxiplinari jkunu se jittiehdu kontra impjegat minhabba per ezempju ghax ikun ghamel xoghol hazin jew ikun gab ruhu hazin. *Obiter*, ghandu jinghad illi il-proceduri quddiem l-awtorita nazzjonali tax-xoghol m'ghandhom l-ebda rilevanza f'dawn il-proceduri, stante li ghal ragunijiet ovvji, il-kompetenza u skop huma totalment differenti.

Jinghad unikament illi s-socjeta' intimata, meta giet biex tittermina l-impjieg tal-appellanti minn naha, ma segwietx il-procedura stabbilita fil-ftehim kollettiv

**.LIKWIDAZZJONI KUMPENS**

Illi l-appellanti qed tirreklama hlas ta' kumpens u mhux *re-instatement*. Aktar hu aktar illi sabet xoghol ftit tax-xhur wara ma kumpanija ohra. Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkuz li ghamlet aktar minn sitt snin tahdem fil-fabbrika, kondotta normalissima, l-eventi w incidenti li taw lok ghat-terminazzjoni tal-impjieg, it-Tribunal jiffissa tali kumpens fl-ammont ta' seba' mija u hamsin lira maltija (lm750).

**KONKLUZZJONI**

It-Tribunal jaqta' u jiddeciedi din il-kwistjoni tax-xoghol billi jiddikjara illi it-tkeccija tal-appellanti ma kenitx wahda gusta u ghal fini ta' kumpens, is-socjeta' intimata qed tigi kundannata li thallas is-somma ta' seba' mija u hamsin lira maltija (Lm750).

B'hekk din il-kwistjoni giet terminata definittivament.

Ghal fini ta' tassazzjoni ta' drittijiet tal-konsulenti tal-partijiet, dawn qed jigu ffissati fis-somma ta' tletin lira maltija (Lm30).

---------------------------
**Dr. Joseph P. Bonnici LL.D.**
**CHAIRMAN**